



Kunsill  
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 13 ta' Ġunju 2022  
(OR. en)

10055/22

LIMITE

ECOFIN 605  
UEM 177

---

**Fajls Interistituzzjonali:**  
**2022/0178 (NLE)**  
**2022/0179 (NLE)**

---

**NOTA**

---

minn: Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill  
lil: Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti (parti 2)/Kunsill  
Suġġett: ABBOZZ ta' Ittra mill-President tal-ECOFIN lill-Kunsill Ewropew  
Tkabbir taż-żona tal-euro - il-Kroazja

---

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż abbozz ta' ittra mill-President tal-Kunsill (Ecofin) lill-Kunsill Ewropew rigward it-tkabbir taż-żona tal-euro (il-Kroazja).



**KUMITAT EKONOMIKU U FINANZJARJU**

IS-SEGRETARJAT

Brussell, 17 ta' Ġunju 2022

***ABBOZZ***

***Ittra mill-President tal-ECOFIN***

***lill-Kunsill Ewropew***

***Tkabbir taż-żona tal-euro - il-Kroazja***

F'konformità mal-proċeduri stabbiliti fl-Artikolu 140 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE jew it-Trattat), il-Kunsill (ECOFIN) iddiskuta r-Rapporti ta' Konverġenza mħejjija mill-Kummissjoni u mill-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE), li b'mod partikolari jivvalutaw l-istat ta' konverġenza miksub mill-ekonomija Kroata kif ukoll il-proposti tal-Kummissjoni għall-abrogazzjoni tad-deroga tal-Kroazja b'effett mill-1 ta' Jannar 2023.

Nixtieq ninfurmak, taħt ir-responsabbiltà tiegħi stess, dwar l-elementi ewlenin tad-diskussjoni tal-Ministri fil-Kunsill Ecofin tas-17 ta' Ġunju. Din is-sinteżi ma tirrappreżentax pożizzjoni formali tal-Kunsill (ECOFIN), iżda hija maħsuba biex tinforma lill-Kunsill Ewropew dwar id-deliberazzjonijiet tagħna. Il-Kunsill ser jieħu d-deċiżjonijiet formali dwar din il-kwistjoni matul Lulju, b'kont meħud tal-opinjonijiet tal-Parlament Ewropew u tal-BĊE kif ukoll tad-diskussjoni tal-Kunsill Ewropew u r-rakkomandazzjoni tal-Istati Membri taż-żona tal-euro skont l-Artikolu 140(2) TFUE.

Il-Ministri ddiskutew l-iżviluppi ekonomiċi fil-Kroazja u vvalutaw il-livell ta' konverġenza tal-pajjiż. Id-diskussjoni ssottolinjat l-elementi li ġejjin:

- **Finanzi pubbliċi:** Minħabba l-kriżi tal-COVID-19, id-defiċit tal-gvern estiż żdied ħafna fl-2020 (7.3 %). Madankollu, diġà fl-2021, id-defiċit tniżżel taħt it-3 %, xprunat minn irkupru ekonomiku sħiħ u tneħħija gradwali progressiva iżda sostanzjali tal-miżuri ta' emerġenza temporanji. Il-Programm ta' Konverġenza tal-Kroazja għall-2022 jipprojetta li d-defiċit tal-gvern estiż jonqos minn 2.9 % tal-PDG fl-2021 għal 2.8 % tal-PDG fl-2022 u 1.6 % tal-PDG fl-2023. It-Tbassir Ekonomiku tar-Rebbiegħa 2022 tal-Kummissjoni jstenna li d-defiċit tal-gvern estiż jonqos aktar għal 2.3 % tal-PDG fl-2022 u għal 1.8 % fl-2023. Dan huwa mistenni li jnaqqas id-dejn pubbliku tal-gvern estiż għal 73.1 % tal-PDG fl-2023 skont it-tbassir tal-Kummissjoni, qrib ħafna tal-livell ta' qabel il-COVID irregiſtrat fl-2019, u li jonqos sa nofs is-snin 2020, jekk wieħed jassumi differenzjali favorevoli bejn ir-rata ta' tkabbir u r-rata tal-imgħax. Il-qafas fiskali Kroat dan l-aħħar issaħħaħ b'mod sinifikanti, l-aktar bis-saħħa tat-traspożizzjoni tar-rekwiżiti pendenti tad-Direttiva tal-Kunsill dwar l-Oqfsa Baġitarji (2011/85/UE). L-Att il-ġdid dwar il-Baġit adottat f'Diċembru 2021 ġab, fost l-oħrajn, titjib sinifikanti fir-rigward tal-proċess tat-tbassir u l-konsistenza u l-livell ta' dettall tal-pjanijiet fiskali fuq terminu medju.
- **Stabbiltà tal-prezzijiet:** F'April 2022, il-rata tal-inflazzjoni medja ta' 12-il xahar kienet ta' 4.7 %, jiġifieri taħt il-valur ta' referenza ta' 4.9 %. B'mod ġenerali, l-iżviluppi fl-inflazzjoni fil-Kroazja kienu allinjati mill-qrib ma' dawk taż-żona tal-euro matul id-deċennju ta' qabel il-kriżi tal-COVID-19. L-inflazzjoni Kroata tbiegħdet minn dik taż-żona tal-euro f'dawn l-aħħar xhur, parzjalment bħala konsegwenza ta' prezzijiet tal-ikel ogħla, iżda rriflettiet ukoll irkupru ekonomiku aktar b'saħħtu milli fiż-żona tal-euro. Madanakollu, ir-rata tal-inflazzjoni hija proġettata li tibqa' taħt il-valur ta' referenza fix-xhur li ġejjin u qrib il-medja taż-żona tal-euro kemm fl-2022 kif ukoll fl-2023. L-integrazzjoni b'suċċess tal-Kroazja fiż-żona tal-euro ser teħtieġ il-monitoraġġ kontinwu ta' għadd ta' riskji pożittivi f'termini ta' inflazzjoni u politiki adatti li jakkumpanjaw il-proċess ta' rkupru. Hemm lok biex l-iffissar tal-pagi jiġi allinjat aħjar mal-iżviluppi fil-produttività, filwaqt li jitqies ir-rwol ta' mexxej li s-settur pubbliku għandu fid-determinazzjoni tal-pagi. L-implimentazzjoni tal-Pjan għall-Irkupru u r-Reżiljenza (RRP) hija mistennija li ttaffi r-riskji tal-inflazzjoni, peress li bosta riformi inklużi fir-RRP għandhom il-kapaċità li jtejbu l-kompetizzjoni fis-suq u li jnaqqsu l-ispejjeż għall-kumpaniji, u b'hekk ipoġġu xi pressjoni 'l isfel fuq il-prezzijiet tal-prodotti finali fit-tul.

- **Stabbiltà tar-rata tal-kambju:** Il-kuna Kroata ssieħbet fl-ERM II fl-10 ta' Lulju 2020 u tosserva rata ċentrali ta' 7.53450 għall-euro b'faxxa ta' ċaqliq standard ta'  $\pm 15\%$ . Matul l-aħħar sentejn, il-kuna baqgħet ġeneralment stabbli u ċċaqalqet f'faxxa dejqa ta' inqas minn  $\pm 1\%$  madwar ir-rata ċentrali tagħha fil-konfront tal-euro. Mad-dħul fl-ERM II, l-awtoritajiet intrabtu b'impenji ta' wara d-dħul, bil-għan li jinkiseb livell għoli ta' konverġenza ekonomika sostenibbli qabel l-adozzjoni tal-euro. Il-Kummissjoni ppreżentat il-valutazzjoni tagħha li skontha l-impenji kienu ġew implimentati bis-sħiħ.
- **Rati ta' mgħax fit-tul:** Ir-rata tal-imgħax medja fil-perjodu fit-tul fil-Kroazja fis-sena sa April 2022 kienet ta' 0.8 %, 1.8 punti perċentwal taħt il-valur ta' referenza ta' 2.6 %.
- **Il-leġiżlazzjoni nazzjonali,** inkluż l-istatut tal-bank ċentrali nazzjonali tal-Kroazja, hija kompletament kompatibbli mal-Artikoli 130 u 131 TFUE u mal-Istatut tas-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew.

**Fatturi addizzjonali**, li għalihom jirreferi t-Trattat, inkluż l-iżviluppi fil-bilanċ tal-pagamenti u l-integrazzjoni tal-prodotti u tas-suq finanzjarju, ġew eżaminati ukoll. L-ekonomija tal-Kroazja hija integrata sew fl-ekonomija tal-UE, madankollu fl-2021 il-Kroazja ġiet proposta għal analiżi fil-fond skont il-Proċedura ta' Żbilanċ Makroekonomiku minħabba l-fatt li l-pożizzjoni ta' investiment internazzjonali netta (PIIN), it-tkabbir tal-kost ta' unità lavorattiva (KUL), tat-tkabbir fil-prezzijiet tad-djar u l-indikaturi tad-dejn gross tal-gvern estiż kienu oġhla mil-limiti massimi indikattivi tagħhom. Madankollu, is-sejbiet tal-Analiżi fil-Fond (IDR) tal-2022 tal-Kummissjoni jindikaw li t-tneħħija tal-iżbilanċi makroekonomiċi reġgħet bdiet fl-2021. Ir-RRP tal-Kroazja għandu jiffaċilita r-riformi f'oqsma differenti u b'hekk jappoġġa t-tneħħija ulterjuri tal-iżbilanċi makroekonomiċi fuq terminu medju. L-irkupru naqqas ukoll il-proporzjon tad-dejn privat, li reġa' lura qrib il-livell ta' qabel il-pandemija. Kemm id-dejn tal-unitajiet domestiċi kif ukoll dak korporattiv huma taħt il-limiti massimi prudenzjali, għalkemm xorta għadhom oġhla mil-livelli ssuġġeriti mill-elementi fundamentali. Il-bilanċi esterni tjebru u l-pożizzjoni ta' investiment internazzjonali netta (PIIN) reġgħet lura għal trajettorja 'l fuq. Firxa ta' riformi tar-RRP għandhom jgħinu biex itejbu l-qafas fiskali, il-kosteffettività fis-settur pubbliku, l-aċċess għall-finanzjament, isaħħu l-qafas tal-AML tiegħu u l-ambjent tan-negozju. Huma mistennija wkoll li jżidu l-potenzjal tal-esportazzjoni tal-ekonomija, il-parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol u jagħtu spinta lill-produttività fit-tul. L-awtoritajiet għandhom jiżguraw implimentazzjoni f'waqtha u sħiħa tar-riformi previsti fir-RRP.

Fid-dawl ta' din l-analiżi, il-Ministri tal-Ecofin jikkondividu l-valutazzjoni tal-Kummissjoni u tal-BĊE li l-Kroazja kisbet kompatibbiltà legali u tirrispetta l-kriterji ta' konverġenza u, b'kont meħud ukoll tal-fatturi addizzjonali, jikkunsidraw li l-Kroazja tissodisfa l-kondizzjonijiet neċessarji għall-adozzjoni tal-euro.

Il-Ministri enfasizzaw ukoll l-importanza tal-impenji ta' wara d-dħul, li saru mill-Kroazja f'Lulju 2020 mad-dħul fl-ERM-II, li tqiesu ta' rilevanza għolja għall-kisba ta' livell għoli ta' konverġenza ekonomika sostenibbli u għal parteċipazzjoni b'suċċess fit-tielet stadju tal-Unjoni Ekonomika u Monetarja. B'mod partikolari dan jinkludi miżuri biex jissaħħaħ il-qafas kontra l-ħasil tal-flus wara t-traspożizzjoni tal-ħames Direttiva kontra l-ħasil tal-Flus, it-tnaqqis tal-piż amministrattiv u finanzjarju għall-ekonomija permezz ta' aktar simplifikazzjoni tal-proċeduri amministrattivi u t-tnaqqis ta' imposti parafiskali u mhux tat-taxxa, it-titjib tal-governanza korporattiva tal-intrapriżi tal-istat; u t-tisħiħ tal-qafas nazzjonali dwar l-insolvenza f'konformità mad-Direttiva (UE) 2019/1023.

Il-Ministri jappoġġaw il-proposti tal-Kummissjoni għall-abrogazzjoni tad-deroga tal-Kroazja b'effett mill-1 ta' Jannar 2023 u jilqgħu t-tkabbir taż-żona tal-euro biex tinkludi l-Kroazja.

Il-Ministri jilqgħu r-rakkomandazzjoni adottata mill-membri tal-Kunsill li jirrappreżentaw lill-Istati Membri li għandhom bħala munita tagħhom l-euro. Huma jinkoraġġixxu bil-qawwa lill-awtoritajiet Kroati biex, għall-perjodu ta' wara l-2023, isegwu politika fiskali mmirata lejn il-kisba ta' pożizzjonijiet fiskali prudenti fuq terminu medju u biex jimplementaw aktar riformi strutturali u investimenti inklużi fl-RRP tal-Kroazja u politiki mikroprudenzjali u makroprudenzjali sodi biex tinżamm konverġenza sostenibbli, b'mod partikolari l-konverġenza tal-inflazzjoni, u biex tiġi żgurata parteċipazzjoni b'suċċess fl-unjoni monetarja. Il-Ministri jilqgħu l-impenn sod tal-awtoritajiet Kroati f'dan ir-rigward.